MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 883/2013

**EMCSI Corporate Services Limited (C43028)**

***kontra***

**Picsel International Limited**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat imressaq bil-procedura sommarja specjali fit-13 ta` Settembru 2013 li jaqra hekk –

*1. Illi s-socjeta` intimata ghandha thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta`* ***sbatax-il elf disa` mija u erba` Euro u sitta u sebghin centezmu (€17,904.76)***

*rapprezentanti l-prezz ta` servizzi rezi lilha fuq inkarigu taghha stess.*

*2. Illi minkejja li s-socjeta` intimata giet interpellata diversi drabi sabiex twettaq il-hlas hija baqghet inadempjenti.*

*3. Illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti s-socjeta` intimata ma ghandha l-ebda eccezzjoni x`taghti ghat-talba ghall-hlas.*

*TGHID GHALHEKK IS-SOCJETA` INTIMATA ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti in vista tal-premess, u dispensat is-smigh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta):*

*i. Tiddeciedi u tiddikjara li s-socjeta` intimata ghandha thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta`* ***sbatax-il elf disa` mija u erba` Euro u sitta u sebghin centezmu (€17,904.76)*** *rapprezentanti l-prezz ta` servizzi rezi lilha fuq inkarigu taghha stess.*

*ii. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta`* ***sbatax-il elf disa` mija u erba` Euro u sitta u sebghin centezmu (€17,904.76)*** *rapprezentanti l-prezz ta` servizzi rezi lilha fuq inkarigu taghha stess.*

*BL-ISPEJJEZ, inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment, u bl-imghax kummercjali b`effett mid-data tal-prezentata ta` dana l-att gudizzjarju, kontra s-socjeta` intimata bid-diretturi taghha minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija rikorrenti u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat illi r-rikors guramentat u l-avviz tas-smigh tal-kawza kienu debitament notifikat lill-kumpannija intimata skont il-ligi.

Rat in-nota tal-Amministratur Provvizorju l-Avukat Dr Richard Galea Debono prezentata fis-7 ta` Novembru 2013 li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici.

**Ghar-ragunijiet premessi, u wara l-ammissjoni tat-talbiet attrici, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi:**

**(1) Tiddikjara li s-socjeta` intimata ghandha thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` sbatax-il elf disa` mija u erba` Euro u sitta u sebghin centezmu (€17,904.76) rapprezentanti l-prezz ta` servizzi rezi lilha fuq inkarigu taghha stess.**

**(2) Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` sbatax-il elf disa` mija u erba` Euro u sitta u sebghin centezmu (€17,904.76) rapprezentanti l-prezz ta` servizzi rezi lilha fuq inkarigu taghha stess, u bl-imghax kif mitlub.**

**(3) Tikkundanna lill-kumpannija intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha tal-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------